MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1495/2004

**Albert Forte'**

**vs**

**AM Developments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Lulju 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' seba mitt lira tnejn u tletin centezmu (Lm700.32) rapprezentanti hlas ta appogg skond kif jirrizulta minn rapport peritali anness u mmarkat Dok A;
Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta dan l-avviz kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fl-4 ta Awissu 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens li l-

ammont dovut kellu jkun anqas ghar-raguni li l-hajt divizorju ttella fuq il-linja medjana.

Ra d-dokument anness mal-avviz bhala Dok A konsistenti f’prospett maghmul mill-Perit Lawrence Montebello dwar l-ammont mitlub f’dina l-kawza;

Ra x-xhieda ta l-attur Albert Forte u tal-Perit Montebello li kkonfermaw li l-ammont mitlub f’dina l-kawza fil-fatt jinsab dovut mis-socjeta konvenuta kif minnhom spjegat.

Ra li in kontro-ezami l-attur ikkonferma li l-hajt in kwistjoni jinsab mibni fuq il-linja medjana u li skond Dok A l-ammont mitlub kien limitat biss ghall-ispejjes inkorsi ghal bini tal-istess hajt;

Ra li s-socjeta konvenuta f’zewg seduti naqset li tressaq il-provi taghha in sostenn tal-eccezzjoni minnha sollevata;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex dirigenti tas-socjeta konvenuta iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment l-istess dirigenti tas-socjeta konvenuta naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta’ seba mitt lira u tnejn u tletin centezmu (Lm700.32) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta dan l-avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------